MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 779/2004

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Kenneth Cole**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici:

Fit-3 ta' Lulju, 2000 il-bank attur kien ta' b'titolu ta' self *"mutuum"* lill-konvenut li kien accetta, is-somma ta' ghaxart elef Lira (Lm10,000) ('*Loan Account*' 056 120140 300) li minnhom illum ghad fadal bilanc ta' tlett elef tmien mija u tlieta w erbghin Lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm3,843.82), vide prospett Dokument A, *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena mid-data tat-2 t'Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

*In forza* ta' skrittura privata tat-18 ta' Dicembru, 2000 (Dokument B) il-bank attur kien ta' b'titolu ta' self *"mutuum"* lill-konvenut li kien accetta, is-somma ta' ghaxart elef Lira (Lm10,000) ('*Loan Account*' 056 120140 301) li minnhom illum ghad fadal bilanc ta' erbat elef erba' mija u tlieta u disghin lira u tlieta w erbghin centezmu (Lm4,493.43), vide prospett Dokument C, *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena mid-data tal-2 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

*In forza* ta' skrittura privata tas-16 ta' Lulju, 2001 (Dokument D) il-bank attur kien ta' b'titolu ta' self *"mutuum"* li l-konvenut li kien accetta, is-somma ta' tmint elef lira (Lm8,000) ('*Loan Account*' 056 120140 302) li minnhom illum ghad fadal bilanc ta' sitt elef mitejn u tmienja u sittin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm6,268.46), vide prospett Dokument E *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena H d-data ta' 30 ta' Mejju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

Il-bank attur kien ta' lill-konvenut li kien accetta facilita' ta' *overdraft* bin-numru tal-kont 056-120140-001 liema debitu gie sussegwentement rapportat taht kont numru 056-120140-340, meta il-kont gie kristallizzat u l-facilita' twaqqfet. Fuq dan il-kont ghad fadal bilanc ta' hames t'elef erba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm5,426.58), vide prospett Dokument H, *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena mid-data tad-29 ta' Settembru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

Wahda mill-kondizzjonijiet tal-ghotja ta' dawn il-facilitajiet bankarji, hija li l-bank attur dejjem jirriserva favur tieghu id-dritt li f'kull waqt jista' jitlob minghand id-debitur, ir-rifuzjoni ta' kull bilanc lilhu dovut b'semplici rikjesta miktuba;

Permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 2004 mibghuta lill-konvenut (Dokument G) il-bank attur interpella lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma fuq imsemmija;

Il-konvenut naqas li jwiegeb ghal din is-sejha u naqas li jhallas id-debitu lejn il-bank attur minghajr raguni valida fil-ligi;

Il-kreditu tal-bank attur huwa wiehed cert, likwidu u dovut, u l-Prokuratur Legali Adrian Borg, impjegat mal-ufficcju legali tal-istess bank, halef (affidavit Dokument *"H"*) li dawn il-fatti jafhom personalment minn dokumenti tal-bank, u li huwa awtorizzat sabiex jiehu dan il-gurament, u li saf fejn jaf hu, l-konvenut m'ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba li ser issir iktar 'l isfel;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tal-bank attur fis-somom hawn imsemmija u *cioe'*:

(a) tlett elef tmien mija u tlieta w erbghin Lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm3,843.82), *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena mid-data tat-2 ta' Ottubru, 2003, sad-data tal-pagament effettiv;

(b) erbghat elef erba' mija u tlieta u disghin lira u tlieta w erbghin centezmu (Lm4,493.43), *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena mid-data tal-2 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

(c) sitt elef mitejn u tmienja w sittin lira u sitta w erbghin centezmu (Lm6,268.46), *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena mid-data tat-30 ta' Mejju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv; u

(d) hames t'elef erba' mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm5,426.58), *oltre* l-imghaxijiet legali fis-sena mid-data tad-29 ta' Settembru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-bank attur is-somom bl-imghax kif imsemmi fit-talba precedenti, bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali imsemmija, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------